# Legati Piji f'Ħal Kirkop - It-Tieni Parti

## *Arkivju Parrokkjali Kirkop, Vol. A427 - Legat Piju Altar tal-Assunta*

**Horatio Caesar Roger Vella***

*Wara l-istudju mill-isbaħ li ppreżentalna s-sena l-oħra, Profs. Vella jkompli jagħtina aktar tagħrif prezzjuż fuq il-Legati Piji f'Ħal Kirkop, din id-darba ser jiffoka fuq l-altar u l-pittura tal-Assunta li kellna ġewwa l-Knisja Matriċi ta' San Leonardu. Kif rajna s-sena l-oħra dawn l-artikli huma mgħonija b'ħafna dettalji li llum jidhru biss fl-arkivji. Nifirħu lil Profs. Vella għax xogħol imprezzabbli li qiegħed jagħmel fil-Parroċċa tagħna hekk kif iwasslilna tagħrif li kieku jibqa' mirdum fl-indifferenza. Fost affarijiet oħra, f'dan l-istudju rnexxielu jitfa' dawl ġdid fuq rabta bejn l-altar tal-Assunta u bniedem importanti fl-istorja ta' pajjiżna.*

Legati Piji huma xewqat ta' nies ġenerużi u mimlijin bil-fidi li jemmnu li dak li jħallu għall-Knisja qatt mhu mitluf. Dawn il-legati piji jkunu klawsuli mdaħħla fit-testmenti tagħhom biex wara mewthom xi flus speċifikat jittieħed mill-wirt u jingħata lill-Knisja biex bih isir quddies, Għosrien, tinxtagħal xamgħa, issir festa u affarijiet oħra b'konnessjoni ma' altar partikulari.

Fil-legat imsemmi f'dan l-artiklu, li hu meħud mill-volum A427 tal-Arkivju Parrokkjali ta' Ħal Kirkop, li tiegħu qiegħed indaħħal l-informazzjoni fil-kompjuter u noħloq katalgu, insibu legat magħmul mill-familja Mangion biex issir festa fuq l-altar tal-Madonna Mtellgħa s-Sema fis-sena 1591. Dan il-legat isemmi wkoll il-kwadru tal-Assunta, li llum jinsab fil-Knisja tal-Lunzjata ġewwa l-istess raħal tagħna,[1] u li kien sar bi spejjeż tad-Duttur Dun Nikola Mangion. Din hija informazzjoni ġdida u importanti għal min jinteressa ruħu fl-Istorja tal-Arti. Dan il-legat piju baqa' jiġi kkonfermet sal-1743, almenu sakemm spiċċa jinkiteb dan il-volum, kif għidna s-sena l-oħra, fl-1875.

Dan il-kwadru tneħħa meta f'lok l-altar ta' Santa Marija (mhux ta' Pinu)[2] saret in-niċċa ta' San Leonardu fi żmien il-Kappillan Dun Anġ Vella. Dan il-kwadru kien ġie restawrat mill-Kappillan Dun Karm Camilleri. Naraw x'jgħid id-dokument miktub bit-Taljan bi ftit Latin fih:

***F10**: Festività nell' Altare dell' Assunta di N[ost]ra Sig[nor]a. Nelli Atti del fù Not[ari]o Thomaso Gauci li 23 \Novem/bre 1591 il testamento del fù Giacomo Mangion fece erede uni[versa] le Mariano Mangion suo fratello coll' obligo cum onere cantare Vesperarum, et celebrationis Missa<e> festi[vitatis] S[anctae] Mariae Assumptionis in d[ict]a Eccl[e]sia S[ancti] Leonardi di Cas[ale] Chircop. Il Quadro fù fatto dal fù D[otto]r D[on] Nicola Mangion Ass[esso]re del S[ant] o Officio, Aud[ito]re del Gran Maestro q[ua]le era tenuto alla festa con p[ri]mi Vesperi, e Messa ratione possessionis loci domorum positi Casalis Naxaro, e la fù Agata moglie del fù d[ett]o Mariano Mangion madre del fù d[ett]o D[otto]r D[on] Nicola nella sua disposizione di d[ett]a*

*Agata rog[ata] in Atti del fù Not[ari]o Mario Attard li 21 \Settem/bre 1628 e confirmata la sud[ett] a festività come sop[r]a e coll' obligo dell' accensione della lampade. M. D[ett]a fondazione riconfermata dal fu Sig[no]r D[on] Gioseppe Testaferrata nel suo testamento rogato in Atti del Not[ari]o Gio[vanni] Francesco Farrugia il dì 21 Ap[ri]le 1743.*

"Festa fuq l-Altar tal-Assunta tas-Sinjura Tagħna. Fl-Atti tal-mibki Nutar Tumas Gauci tal-24 ta' Novembru, 1591, it-testment tal-mibki Ġakbu Mangion ħatar bħala eredi universali lil Marjanu Mangion, ħuh, bl-obbligu b'piż li jitkantaw l-Għosrien u taċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa tal-festa tal-Assunta ta' Santa Marija fl-imsemmija Knisja ta' San Leonardu f'Ħal Kirkop. Il-kwadru sar mill-mibki Dottor Dun Nikola Mangion, Assessur tas-Santu Uffiċċju, Awditur tal-Gran Mastru, li (Dun Nikola) kien miżmum li jara li ssir il-festa bl-ewwel Għasar, u quddiesa bis-saħħa tal-pussess ta' post ta' djar li jinsab fir-raħal tan-Naxxar, u l-mibkija Agata, mart l-imsemmi mibki Marjanu Mangion, omm tal-imsemmi mibki Dottor Dun Nikola, fid-dispożizzjoni tagħha tal-imsemmija Agata mitluba fl-Atti tal-mibki Nutar Marju Attard fil-21 ta' Settembru, 1628, u konfermata l-festa ġa msemmija (kif jidher) fuq u bl-obbligu li tinxtagħal il-lampa. L-imsemmija fundazzjoni kkonfermata mill-ġdid mill-mibki Sinjur Dun Ġużepp Testaferrata fit-testment tiegħu mitlub fl-Atti tan-Nutar Ġwanni Franġisku Farrugia fil-21 ta' April, 1743".

Ser nagħti xi tagħrif fuq l-individwi msemmija f'dan id-dokument kif ġej:

In-**Nutar Tumas Gauci**, mill-Imdina, iżżewweġ lil Iżabella Manueli, bint Ġakbu, fil-15 ta' Novembru, 1562, fil-Knisja Matriċi ta' Għawdex.[3] Kien Ġurat ta' Għawdex fl-1581[4] u Kjerku.[5] Kien membru tal-Konfraternità tal-Wisq Qaddis Ġisem ta' Kristu mwaqqfa mill-Inkwiżitur Apostoliku Mons. Pietro Dusina fl-1575 fil-Knisja Matriċi ta' Għawdex.[6] Huwa kien jieħu ħsieb il-Knisja ta' San Ġwann il-Battista ġewwa ċ-Ċittadella. L-istess rapport ta' Dusina jgħid li din il-knisja ma kellhiex paviment u Rettur, u li l-benefiċċju tagħha kien twaqqaf minn mara skont l-Atti tan-Nutar Lawrenz Apap tal-istess Ċittadella. In-Nutar Gauci kien obbligat mill-Vigarju Ġenerali ta' Malta li jagħti b'ċens territorju fir-Ramla biex mid-dħul tiegħu jieħu ħsieb l-istess knisja, u li jħallas żewġ irtali xamgħa kull sena u tal-erba' snin ta' qabel lill-Kan. Pietru Cubelles, Teżorier tal-Katidral ta' Malta.[7] Fil-31 ta' Awwissu, 1610, aħna niltaqgħu man-Nutar Gauci qiegħed jiffirma kuntratt li kien jitratta fuq proprjetà "Ta' Ċawla" fl-Imgieret.[8]

Tumas u Iżabella Gauci kellhom dawn it-tfal: Duminka, li twieldet f'Għawdex fid-9 ta' Diċembru, 1563;[9] Katerina, li twieldet f'Għawdex fil-5 ta' April, 1568,[10] u li żżewġet lin-Nutar Ġwanni Mattew Sillato, bin in-Nutar Antonju u Marjetta Bonello, fil-Knisja Parrokkjali ta' Vittoriosa fil-11 ta' Mejju, 1598;[11] Luqa, li twieled f'Għawdex fit-23 ta' Ottubru, 1569;[12] Marjetta *sive* Marija, li twieldet f'Għawdex fit-13 ta' Diċembru, 1571,[13] u li żżewġet lin-Nutar Anġlu Micallef, bin Antonju u Ġovanella, fil-Knisja Parrokkjali ta' Vittoriosa fis-26 ta' Ottubru, 1589;[14] Pietru, li twieled f'Għawdex fis-26 ta' Ottubru, 1576,[15] u li miet żgħir; u Pietru ieħor, li twieled f'Għawdex fit-2 ta' April, 1581,[16] u li żżewweġ lil Skolastika Micallef, bint Bartilmew u Franġiska Pontremoli fil-Knisja Matriċi tar-Rabat fit-13 ta' Novembru, 1606.[17]

In-Nutar Tumas u martu Iżabella marru joqogħdu f'Vittoriosa. Dan nafuh mhux biss għaliex żewġt ibniet tagħhom iżżewġu hemm, imma wkoll għaliex huma t-tnejn mietu hemm. Fil-Fatt, Iżabella mietet hemm fit-8 ta' Novembru, 1590, u n-Nutar Tumas Gauci miet hemm fl-4 ta' Settembru, 1616.[18]

Jiena niġi min-Nutar Kjerku Tumas Gauci b'dan il-mod:




Horatio Vella > Frank Vella-Tessie Bartolo (Sacro Cuor, Sliema) > Ġużeppi Bartolo-Marija Attard (Sacro Cuor, Sliema) > Ruġġieru Bartolo-Marija Anna Spiteri (Ħamrun) > Ġwanni Spiteri-Filomena Scerri (Imsida / Birkirkara) > Vinċenz Scerri-Marija Anna Attard (San Pawl Nawfragu, Valletta) > Ġwanni Marija Attard-Marija Buttigieg (Xewkija) > Ġwanni Marija Buttigieg-Tereża Zammit (Xewkija) > Franġisku Zammit-Marija Scerri (Xewkija) > Anġlu Scerri-Vittorja Bezzina (Xewkija) > Ġużeppi Bezzina-Ġovanella Bonello (Xewkija) > Dioniżju Bezzina-Katerina Tabone (Xewkija) > Valerju Tabone-Lawrenza Mizzi (San Ġorġ, Rabat, Għawdex) > Alfonz Mizzi-Katerina Barbieri (Matriċi, Għawdex) > Lawrenz Barbieri-Katerina Gauci (Rabat, Għawdex) > **Nutar Kjerku Tumas Gauci**-Iżabella Manueli (Matriċi, Għawdex).[19]

Il-familja Mangion kienet min-Naxxar. Jidher li **Ġakbu Mangion** ma kienx miżżewweġ. Dan anke jispjega kif fit-testment li hu kien għamel man-Nutar Gauci fl-1591, sena qabel ma Ħal Kirkop sar parroċċa, huwa ħalla bħala eredi universali lil ħuh, Marjanu, u lil ħadd ieħor. **Marjanu Mangion** kien Nutar,[20] u żżewweġ lil **Agata Borg**, bint Benedittu, fil-Parroċċa ta' Birkirkara fl-4 ta' Settembru, 1569.[21] Huma kellhom, fost l-ulied, lil Ġovanella, li twieldet fl-1570; Ġulja; Katerina, li żżewġet lil Klawdju Tonna u li mietet bil-pesta fl-1592, u li b'tifkira tagħha missierha, Marjanu, bena l-Knisja ta' Santa Katerina f'Wied il-Għasel; Dun Nikola msemmi hawn f'dan id-dokument; Benedittu, li żżewweġ lil Iżabella Pisani madwar is-sena 1610, u li miet fl-20 ta' Marzu, 1627;[22] Duminku, li kien joqgħod fin-Naxxar, u li żżewweġ lil Ġovanella Muscat, bint Benedittu *sive* Xmun u Margerita Agius fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Lija fl-1 ta' Ottubru, 1600;[23] u lil Pietru. Marjanu Mangion miet fin-Naxxar fit-8 ta' Awwissu, 1616, u ndifen ħdejn il-Kor fil-qabar ta' ibnu.[24] Agata, martu, mietet fl-10 ta' April, 1637, ta' 90 sena.[25]

Naf li Marjanu u Ġakbu Mangion kienu wlied Salvu minn kuntratt magħmul fl-24 ta' Novembru, 1608, quddiem in-Nutar Indrì Albano u quddiem Dun Dottor Filippu Borg, Vigarju ta' Mons. Tommaso Gargallo, Isqof ta' Malta, li fih kien qed jgħid li kien irċieva l-permess mill-Isqof Gargallo li jibni knisja taħt it-titlu ta' Santa Katerina fil-Wied ta' San Pawl imsejjaħ "Wied il-Għasel" fi spazju pubbliku (pjazza) u xtaq li tkun imbierka, u wiegħed li ssir quddiesa kull sena fiha għal dejjem fil-festa ta' Santa Katerina, Verġni u Martri, li tinxtegħel lampa kull lejl tas-Sibt u li matul ħajtu jitkantaw l-ewwel Għosrien f'lejliet il-festa fl-imsemmija knisja. Biex jitħallas il-quddies kif ordnat minnu, huwa wiegħed li juża d-dħul minn dielja u siġar imħawla fl-istess inħawi ta' dik il-knisja msejjaħ "Ta' Ħimel".[26]

Din il-knisja, deskritta minn Paul Catania f'artiklu li jidher fuq l-internet miġjub minn Noel Ciantar (25.6.2018), tinsab f'inħawi xejn feliċi minħabba l-fabbriki taż-żrar u oħrajn li jinsabu warajha. Hija tinsab f'tarf tal-isqaq li min-niżla ta' Alla u Ommu fin-Naxxar jagħti lejn Wied il-Għasel. Is-sbuħija u l-kobor tal-ġnub tal-wied jistona mal-bjudija tat-trab u l-kwantità ta'

karozzi pparkjati madwar din il-knisja. Trab u ħxejjex selvaġġi jokkupaw iz-zuntier minflok iċ-ċangaturi. Hemm żewġ armi mikulin biż-żmien, u l-iskrizzjoni ta' fuq il-bieb li jien ittraskrivejt u qiegħed inġib hawn bit-traduzzjoni tiegħi kif ġej:

HOC OPVS MARIA-

NVS MANGION FIERI

FECIT IN HONORE[M] BEA-

TAE CATERINAE VT IP-

SA ORAT PRO EO

AD DEVM. 1607.

"Din l-opra Marjanu Mangion għamel li ssir ad unur il-Beata Katerina kif hija nnifisha titlob lil Alla għalih. 1607."

Aħna niġu minn dan Marjanu Mangion, bin l-imsemmija Marjanu u Agata, kif ġej:

Salvu Mangion- Benedittu Borg

Marjanu Mangion-Agata Borg
Ġakbu Mangion
Benedittu Muscat-Margerita Agius

**Dott. Dun Nikola Mangion**
Duminku Mangion-Ġovanella Muscat

Benedittu Mangion-Iżabella Pisani[27]
-Duminka

Ġovanella Mangion
Ġulja Mangion
Katerina Mangion

Pietru Mangion
Dun Matteolu Mangion



***Il-Knisja ta' Santa Katerina f'Wied il-Għasel u l-iskrizzjoni fuq il-bieb (ritratti Caroline Busuttil)***



*Il-Knisja ta' Santa Katerina minn ġewwa f'dettalji mill-affreski (ritratti Caroline Busuttil)*

Jerome Vella > Horatio Vella-Vivienne Caruana (Kirkop / Imdina) > Paolino Caruana-Mary Consiglio (Bon Kunsill / Żejtun) > Karlu Caruana-Verġinja Tabone (Żejtun) > Karmelu Caruana-Katerina Attard (Żejtun) > Mikiel Attard-Grazzja Darmanin (Żejtun) > Tumas Darmanin-Ursula Ciascun (Cospicua) > Ġwanni Battista Ciascun-Anna Marija Farrugia (Cospicua) > Ġużeppi Ciascun-Ursula Portelli (Cospicua) > Orazju Portelli-Katerina Mangion (Żurrieq) > Ġużeppi Mangion-Marija Mizzi (San Pawl Nawfragu, Valletta) > Ġlormu Mangion-Antonja (San Duminku, Valletta) > Dottor Anġlu Mangion-Marċellina Monpalao (Imdina) > Duminku Mangion-Ġovanella Muscat (Lija) > **Nutar Marjanu Mangion**-Agata Borg (Birkirkara); u

Jerome Vella > Horatio Vella-Vivienne Caruana (Kirkop / Imdina) > Paolino Caruana-Mary Consiglio (Bon Kunsill / Żejtun) > Ġużeppi Consiglio-Verġinja Grasso (Tarxien) > Emanuel Grasso-Lawrenza Pace (Cospicua) > Giovanni Grasso (Riposto, Sqallija)-Marija Karmela Sant (Cospicua) > Ġużeppi Sant-Marija Anna Frendo (Cospicua) > Salvu Sant-Karmela Busuttil (Furjana) > Girgor Busuttil-Marija Mangion ((Furjana) > Ġwanni Pietru Mangion-Lazzara (Furjana) > Ġużeppi Mangion-Marija Mizzi (San Pawl Nawfragu, Valletta) > Ġlormu Mangion-Antonja (San Duminku, Valletta) > Dottor Anġlu Mangion-Marċellina Monpalao (Imdina) > Duminku Mangion-Ġovanella Muscat (Lija) > **Nutar Marjanu Mangion**-Agata Borg (Birkirkara).

**Dun Nikola Mangion**, bin l-istess Marjanu u Agata Borg, kien, kif dan il-legat jgħid, prominenti kemm fil-Knisja u kemm fl-Istat. Fil-fatt, hu kien Assessur, jew Konsultur, tas-Santu Uffiċċju u




***Pittura ta' Dun Nikola Mangion fil-Bibljoteka tal-Università l-Qadima fil-Belt Valletta (ritratt Daniel Cilia)***

Awditur, jiġifieri, Segretarju tal-Gran Mastru, li dak iż-żmien kien Fra Antoine de Paule. Il-provenjenza tal-familja Mangion min-Naxxar tispjega kif mill-art li kellhom fin-Naxxar kienu jdaħħlu flus biżżejjed biex jaraw li jiġu ċċelebrati l-Għosrien u quddiesa, kif ukoll li tinxtagħal xamgħa fil-festa ta' Santa Marija fuq l-altar ta' Santa Marija fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop. Il-familja ta' ommu, Agata née Borg minn Birkirkara, kellha konnessjoni ma' Ħal Kirkop. Dan seta' kien min-naħa ta' omm Agata, peress li missierha kellu kunjomu Borg li kien mifrux ħafna f'Birkirkara. Sfortunament, iż-żwiġijiet ma jmorrux 'il fuq mill-erbgħinijiet, u għalhekk ma nafux x'kien kunjom ommha u fejn iżżewġet. Setgħet kienet minn Ħal Kirkop.

Dun Nikola Mangion, imwieled fl-1586, iggradwa f'Ruma Duttur fiż-Żewġ Liġijiet, dik Ċivili u dik Kanonika, fit-8 ta' Novembru, 1607. Fit-18 ta' Ġunju, 1610, l-Isqof Tommaso Gargallo nnominah wieħed mis-sitt Kappillani tal-Kor fil-Katidral tal-Imdina. Huwa ordna saċerdot fit-18 ta' Mejju, 1611. Meta seħħ is-Sinodu Djoċesan fl-1620, huwa ġie nnominat Eżaminatur Sinodali. Skont l-Atti tan-Nutar Marju Attard, dawk tal-15 ta' Marzu, 1624, huwa waqqaf legat ta' quddiesa li kellha tiġi ċċelebrata kull nhar ta' Ħadd u fil-festa titulari fil-Knisja ta' Santa Katerina f'Wied il-Għasel. Qabel l-1626 insibuh bħala l-Kappillan tal-Kunvent tas-Sorijiet Benedittini ta' San Pietru ġewwa l-Imdina. Hawnhekk kellu xi problemi, li minħabba fihom kellu jidher quddiem l-awtoritajiet Ekkleżjastiċi f'Ruma. Fid-19 ta' Settembru, 1626, ġie nnominat Kummissarju f'Malta tal-Kongregazzjoni tar-*Reverenda Fabrica di San Pietro* f'Ruma. Hawnhekk kellu jwaqqaf Tribunal li kellu jara li l-legati piji kellhom jitwettqu kollha. Min kien jonqos li jwettaq xi wieħed minnhom kellu jħallas multa. X'aktarx li b'konnessjoni ta' din il-kariga ta' Dun Nikola, ħuh, Duminku, safa maqtul fl-10 ta' Jannar, 1629.[27] Fl-1628, Dun Nikola Mangion spiċċa minn Kummissjonarju, waqt li dan it-Tribunal għadda f'idejn l-Inkwiżizzjoni fil-Vittoriosa.

Dun Nikola kien ukoll imħallef tal-Gran Mastru Lascaris, li talbu jiġbor il-liġijiet ta' Malta u jirriformahom. Fl-1 ta' Marzu, 1640, huwa ppubblika dan ix-xogħol bit-titlu ta' *Legum sive statutorium municipalium nova editio veterumque et moderatio compilata iussu Eminentissimi Domini Johannis Pauli Lascaris de Castellar M[agni] M[agistri] et Insulae Melitae et Gauli Principis*, jiġifieri, "Edizzjoni ġdida u reviżjoni tal-liġijiet jew statuti tal-Istat u dawk qodma, ikkompilati b'ordni tal-Wisq Eminenti Sinjur Jean Paule Lascaris de Castellar, Gran Mastru u Prinċep tal-Gżira ta' Malta u ta' Għawdex".[28] Fid-19 ta' Mejju, 1644, l-istess Gran Mastru għaddielu benefiċċju msejjaħ "Il-Lunzjata tas-Saqqajja" f'Għawdex, u ħatru Rettur tiegħu.

Lejn tmien ħajtu, Dun Nikola Mangion għin bi flusu biex tinbena mill-ġdid il-Knisja Parrokkjali tan-Naxxar. Huwa sebbaħ l-Altar tal-Madonna tal-Grazzja f'wieħed mill-kappelluni ġodda tal-knisja, fejn l-altar ġie mżejjen b'kolonni skulturati u miksija bid-deheb.[29] Illum il-ġurnata, it-titular inbidel. Dan l-altar jinsab fuq in-naħa tal-lemin tal-Altar Maġġur, iħares lejn il-bieb ta' barra. Fuq kull naħa ta' dan l-altar, in-naħa ta' isfel, hemm l-istess arma, imma din mhix l-arma





***L-Artal tal-Madonna tal-Grazzja fil-Knisja Parrokkjali ta' Marija Bambina tan-Naxxar bl-arma ta' Dun Nikola Mangion mal-istess altar (ritratti H.C.R. Vella)***

ta' Mangion. Hija tirrappreżenta għolja, u fuqha hemm qafas ta' Kavallier. L-uniċi erba' armi li għandhom għolja huma dawn: Montalto (b'kuruna fuq), Nicolas (b'xitla fuq), Said (b'siġra u qattus fuqha), u Ullo (b'tiġieġa u tliet stilel fuq). L-arma ta' Mangion, għall-kuntrarju, hija rrappreżentata b'torri b'iljun fuqu.[30] Dun Nikola seta' uża l-kunjom ta' Nicolas, li hu ismu proprju.

Skont l-Atti tan-Nutar Mattew Cauchi tal-31 ta' Awwissu, 1650, huwa waqqaf fundazzjoni ta' quddiesa li kellha titqaddes kuljum fuq dan l-altar, u quddiesa oħra ta' kull nhar ta' Ħadd u fil-festi li kellha tiġi ċċelebrata fis-sebħ għal dawk il-fqar li ma kellhomx ilbies sura biex jattendu l-knisja bihom.

Dun Nikola Mangion miet fin-Naxxar fis-17 ta' Novembru, 1656, u ndifen fil-qabar li huwa pprepara għalih innifsu quddiem l-istess altar tal-Madonna tal-Grazzja. Il-quddiesa tal-funeral tiegħu kienet kantata.[31] Illum il-ġurnata l-qabar tiegħu m'għadux jidher għaliex, bħalma ġara kważi fil-knejjes kollha, l-irħam li tpoġġa mal-art għatta kollox.

Fil-bibljoteka tal-Università l-Qadima ta' Malta ġewwa l-Belt Valletta tinsab pittura li ġġib lilu, b'iskrizzjoni li qiegħed nittraskrivi hawn taħt, bit-traduzzjoni tiegħi.

D[ON] NICOLAUS MANGIONE MELITENSIS

I[URIS] V[TRIUSQUE] D[OCTOR] HIC PRIMO PATRONI MUNUS EXERCUIT, AC STATIM PRINCIPE IN PATRONIS LOCUM OBTINUIT. INERAT ILLI ENIM IN RESPONDEND<O>

CELERIUS IN MONENDO SUBTILITAS, ET MAXIME IN HIS, QUAE FIRMA ESSENT ELIGE[N]DIS PRUDENTIA. HINC AUCTUS MUNERE CONSULT<ATOR>-

IS TRIBUNALIS S[ANCTI] OFFICII INQUISITIONIS, ET M[AGNI] MAGISTRI IO[ANNIS] PAULI LASCARIS CASTELLAR AUDITORIS VICARIUS GENERA-

LIS QUI PRUDENTIA, ET INTEGRITATE DIOECESIM ADMINISTRAVIT ANN[O] 1626. A SACRA CONGREGATIONE CARDINAL[IUM] R[EVERENDISSIMORUM]

PRIMUS REVERENDAE FABRICAE S[ANCTI] PETRI TRIBUNALI COMMISSARIUS SEDIT VIR MORIBUS ALIOQUI INTEGERRIMIS, ET MIRIF[ICIS]SIMI<S>

EUM AD LOCUM, QUAE OMNES ARTES TENDUNT, ITER ABRIPUIT PLENUS ANNIS DIE 17 MENSIS DECEMBRIS ANNI 1656.

"Dun Nikola Mangion, Malti, Duttur taż-Żewġ Liġijiet, hawnhekk eżerċita x-xogħol għall-ewwel sid, u immedjatament fil-bidu nett kiseb post fost is-sidien, għaliex kien hemm fih suttilità f'li jagħti risposta, f'li jagħti parir iktar malajr u, speċjalment, prudenza fl-għażla ta' dawk l-affarijiet biex ikunu fermi. Minn hawn, wara li ġie promoss bix-xogħol ta' Konsulent tat-Tribunal tas-Santu Uffiċċju tal-Inkwiżizzjoni, u ta' Awditur tal-Gran Mastru Jean Paule Lascaris Castellar, hu li bħala Vigarju Ġenerali amministra d-Djoċesi bi prudenza u integrità fis-sena 1626, (maħtur) mis-Sagra Kongregazzjoni tal-Wisq Reverendi Kardinali bħala l-ewwel Kummissarju biex jippresiedi fuq it-Tribunal tar-Reverenda Fabbrika ta' San Pietru, bniedem ta' manjieri tal-ikbar integrità u tal-għaġeb għal dak ix-xogħol li (għalih) l-abbiltajiet kollha jimmiraw, telaq minn (din) it-triq mimli bi snin fis-17 tax-xahar ta' Diċembru tas-sena 1656."

In-**Nutar Marju Attard**, minn Ħal Lija, bin Mastru Anġlu u Antonina, iżżewweġ lil Marjetta Muscat, imwielda fin-Naxxar u toqgħod f'Ħ'Attard, bint Benedittu u Agata, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħ'Attard fit-22 ta' Lulju, 1615.[32] Binhom, Xmun, li kien joqgħod il-Mosta, iżżewweġ lil Katerina Mifsud, min-Naxxar, bint Marju u Katerina Zammit, fil-Knisja Parrokkjali tan-Naxxar fit-23 ta' Jannar, 1639. Ix-xhieda kienu Dun Dumink Bezzina u Dun Vinċenz Cauchi.[33] Jidher għalhekk li l-familja Attard, li oriġinat f'Ħal Lija, imxiet lejn il-Mosta qabel ma spiċċat fin-Naxxar. Il-fatt li huma kienu dejjem joqogħdu viċin in-Naxxar jispjega kif il-kuntratt ta' Dun Nikola Mangion u ommu, Agata, li kienu min-Naxxar, sar għand in-Nutar Marju Attard.

Aħna niġu min-Nutar Marju Attard b'dan il-mod:

Anġlu Attard-Antonina ↙ — Benedittu Muscat-Agata →

**Nutar Marju Attard**-Marjetta Muscat — Marju Mifsud-Katerina Zammit →

Xmun Attard-Katerina Mifsud

Jerome Vella > Horatio Vella-Vivienne Caruana (Imdina) > Frank Vella-Tessie Bartolo (Sacro Cuor, Sliema) > Ġwanni Battista Vella-Marija Conċetta Attard (Żejtun) > Wiġi Attard-Eliżabbetta Cachia (Għaxaq) > Klement Attard-Katerina Caruana (Żejtun) > Wiġi Attard-Katerina Bonnici (Żejtun) > Klement Attard-Teodora Grima (Żejtun) > Franġisku Grima-Marija Zammit (Żejtun) > Duminku Grima-Marija Agius (Matriċi, Għawdex) > Ġwanni Grima-Ġovanella Agius (Lija) > Ġużeppi Grima-Imperja Attard (Lija) > Anġlu Attard-Antonja (Lija/Birkirkara) < **Nutar Marju Attard**-Marjetta Muscat (Attard); u

Jerome Vella > Horatio Vella-Vivienne Caruana (Imdina) > Frank Vella-Tessie Bartolo (Sacro Cuor, Sliema) > Joseph Bartolo-Marija Attard (Sacro Cuor, Sliema) > Ruġġieru Bartolo-Marija Anna Spiteri (Ħamrun) > Vinċenz Bartolo-Marija Anna Scerri (Furjana) > Ġużeppi Bartolo-Marija Konċetta Bonnici (San Pawl Nawfragu, Valletta) > Ġużeppi Bonnici-Anġela Nesso (Senglea) > Antonju Bonnici-Madalena Tabone (Żejtun) > Ġużeppi Tabone-Marija Attard (San Ġorġ, Rabat, Għawdex) > Marju Tabone-Anna Gauci (Matriċi, Għawdex) > Marju Tabone-Roża Formosa (San Ġorġ, Rabat, Għawdex) > Lawrenz Tabone-Ursula Grima (Matriċi, Għawdex)

> Paskal Grima-Katerina Calleja (Matriċi, Għawdex) > Lawrenz Grima-Marija Vassallo (Lija) > Ġużeppi Grima-Imperja Attard (Lija) > Anġlu Attard-Antonja (Lija/Birkirkara) < **Nutar Marju Attard**-Marjetta Muscat (Attard); u

Jerome Vella > Horatio Vella-Vivienne Caruana (Imdina) > Frank Vella-Tessie Bartolo (Sacro Cuor, Sliema) > Joseph Bartolo-Marija Attard (Sacro Cuor, Sliema) > Ruġġieru Bartolo-Marija Anna Spiteri (Ħamrun) > Ġwanni Spiteri-Filomena Scerri (Imsida/Birkirkara) > Vinċenz Scerri-Marija Anna Attard (San Pawl Nawfragu, Valletta) > Ġwanni Marija Attard-Marija Buttigieg (Xewkija) > Ġwanni Marija Buttigieg-Tereża Zammit (Xewkija) > Franġisku Zammit-Marija Scerri (Xewkija) > Martinu Zammit-Marija Agius (Nadur) > Duminku Zammit-Ewfemja Mifsud (Nadur) > Franġisku Mifsud-Anna Portelli (Matriċi, Għawdex) > Ġwanni Marija Portelli-Silvestra Grima (Matriċi, Għawdex) > Lawrenz Grima-Marija Vassallo (Lija) > Ġużeppi Grima-Imperja Attard (Lija) > Anġlu Attard-Antonja (Lija/Birkirkara) < **Nutar Marju Attard**-Marjetta Muscat (Attard); u

Jerome Vella > Horatio Vella-Vivienne Caruana (Imdina) > Frank Vella-Tessie Bartolo (Sacro Cuor, Sliema) > Joseph Bartolo-Marija Attard (Sacro Cuor, Sliema) > Ruġġieru Bartolo-Marija Anna Spiteri (Ħamrun) > Vinċenz Bartolo-Marija Anna Scerri (Furjana) > Ġużeppi Bartolo-Marija Konċetta Bonnici (San Pawl Nawfragu, Valletta) > Ġużeppi Bonnici-Anġela Nesso (Senglea) > Ġwanni Battista Nesso (Venezja)-Roża Bonello (Senglea) > Mikiel Bonello-Margerita Falzon (Nadur) > Franġisku Bonello-Anna Zammit (Xewkija) > Duminku Zammit-Ewfemja Mifsud (Nadur) > Franġisku Mifsud-Anna Portelli (Matriċi, Għawdex) > Ġwanni Marija Portelli-Silvestra Grima (Matriċi, Għawdex) > Lawrenz Grima-Marija Vassallo (Lija) > Ġużeppi Grima-Imperja Attard (Lija) > Anġlu Attard-Antonja (Lija/Birkirkara) < **Nutar Marju Attard**-Marjetta Muscat (Attard).

**Dun Ġużepp Testaferrata** kien miż-Żurrieq, u nafu wkoll li ħalla legat fiż-Żurrieq. Huwa deher bħala xhud fiż-żwieġ li seħħ f'Ħal Kirkop fit-28 ta' Ottubru, 1760, bejn Ġużeppi Zammit, bin Natali u Madalena, mill-Imqabba, u Klemenzja Formosa, bint Antonju u Marija minn Ħal Kirkop.[34] Bin Salvu u Marija Magro, Dun Ġużepp Testaferrata twieled fiż-Żurrieq fl-1 ta' Marzu, 1673, u tgħammed fl-istess jum fil-Knisja Parrokkjali taż-Żurrieq mill-Viċi Kappillan Dun Pietru Saliba. Il-parrinu tiegħu kien Duminku Formosa, miż-Żurrieq.[35] Missieru, Salvu Testaferrata, bin Xmun u Anġelika, minn Ħal Tarxien, iżżewweġ lil Marija Magro, bint Luqa u Wiġa, miż-Żurrieq, fid-9 ta' Settembru, 1668. Bierek żwiegħom il-Kappillan Dun Matteolu Saliba, waqt li x-xhieda kienu Marju Formosa u Anġlu Spiteri, mill-Qrendi.[36] Fost ħut Dun Ġużepp Testaferrata mgħammdin fil-Knisja Parrokkjali taż-Żurrieq, insibu lil dawn li ġejjin: Arkanġlu (22 ta' Lulju, 1669), Awrelju (16 ta' Novembru, 1670), Roża (22 ta' Lulju, 1675), Katerina (8 ta' Settembru, 1677), u Luċju (25 ta' Ġunju, 1679).[37] Nafu wkoll li Salvu u Marija Testaferrata kellhom ukoll lil Antonju, mgħammed xi mkien ieħor, u Wiġa, li mietet fit-12 ta' Diċembru, 1709.[38] B'kollox kienu aħwa tmienja.[39] Dun Ġużepp Testaferrata miet fiż-Żurrieq fil-5 ta' Jannar, 1745, ta' 72 sena, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żurrieq.[40] Kellu żewġ ħutu oħra qassisin, Dun Arkanġlu, li miet fil-11 ta' Novembru, 1722, u Dun Anton, li miet fit-22 ta' Ġunju, 1742.[41] Nafu wkoll li oħtu, Roża, mietet fiż-Żurrieq fil-25 ta' Ġunju, 1703.[42] Ommhom, Marija, mietet f'darha fiż-Żurrieq ta' 70 sena fit-18 ta' Frar, 1717, u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali taż-Żurrieq, waqt li missierhom miet fiż-Żurrieq ta' 86 sena fis-16 ta' Marzu, 1726, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żurrieq.[43]




In-**Nutar Ġwanni Franġisku Farrugia** kien miż-Żurrieq u deher f'Ħal Kirkop ukoll bħala xhud fiż-żwieġ ta' Salvu Ellul, bin Pawlu u Marija, ma' Marija Psaila, bint Mawrizju u Katerina, it-tnejn minn Ħal Kirkop, fit-28 ta' April, 1750.[44] Bin Antonju u Marija Polidano, in-Nutar Ġwanni Franġisku Farrugia twieled fiż-Żurrieq u tgħammed fil-Knisja Parrokkjali taż-Żurrieq fit-2 ta' Ġunju, 1707.[45] Missier in-Nutar, Antonju, bin Marju u Kjara Cordina, miż-Żurrieq, iżżewweġ lil Marija Polidano, bint Antonju u Imperja Farrugia, minn Ħaż-Żebbuġ u residenti fiż-Żurrieq, fil-Knisja Parrokkjali taż-Żurrieq fit-28 ta' April, 1691. Bierek żwieġhom il-Kappillan Dun Ġwann Gatt, waqt li x-xhieda kienu Pietru Camilleri, Ġwanni Battista Bonnici, u Ġwanni Pawlu (kunjomu ma ngħatax), kollha miż-Żurrieq.[46]

Fost ħut in-Nutar Farrugia, insibu dawn li ġejjin, kollha mgħammda fil-Parroċċa taż-Żurrieq: Tereża (26 ta' Marzu, 1692 {li mietet}), Anna (20 ta' Marzu, 1693), Tereża (18 ta' Jannar, 1695), Imperja (17 ta' Ottubru, 1697 {li mietet}), Ġużeppi (24 ta' Novembru, 1699), Katerina (26 ta' Settembru, 1701), Arkanġlu (17 ta' Novembru, 1703 {li miet}), Petronilla (6 ta' Ottubru, 1704), Pietru (27 ta' Diċembru, 1706), Ġwanni Marija (15 ta' Awwissu, 1708), Indrì (29 ta' Novembru, 1709 {mogħti bħala 1708}), Arkanġlu (21 ta' Ġunju, 1711), Feliċ (14 ta' Lulju, 1713), Mikiel Anġlu (3 ta' Frar, 1715), u Imperja (20 ta' Jannar, 1717).[47] B'kollox kienu 16 aħwa, li tlieta minnhom mietu trabi.

Missierhom, Antonju, miet ta' 75 sena fiż-Żurrieq fit-12 ta' Frar, 1734, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żurrieq, waqt li ommhom, Marija, mietet fiż-Żurrieq ta' 75 sena fis-27 ta' Frar, 1758, u ndifnet l-għada fil-Knisja Parrokkjali taż-Żurrieq.[48] In-Nutar Farrugia miet fiż-Żurrieq ta'63 sena fl-14 ta' Settembru, 1768, u ndifen l-għada fil-Knisja Parrokkjali taż-Żurrieq.[49] Martu, Anna, mietet ta' 97 sena fl-24 ta' Novembru, 1796, fiż-Żurrieq, u ndifnet fl-istess jum fil-Knisja Parrokkjali taż-Żurrieq.[50] In-Nutar Farrugia kien iżżewweġ lil Anna, li ma kinitx miż-Żurrieq, u marru joqogħdu fiż-Żurrieq. Fost uliedhom insibu dawn li ġejjin mgħammda fil-Parroċċa taż-Żurrieq: Paska (25 ta' April, 1744), u Ġużeppi (19 ta' Diċembru, 1747).[51]

Missier Antonju Farrugia u n-nannu tan-Nutar Ġwanni Franġisku Farrugia, Marju, bin Ġulju u Grazzja, mir-Rabat ta' Għawdex, iżżewweġ lil Kjara Cordina, bint Lazzru u Ġovanella, fl-24 ta' Mejju, 1650, fil-Knisja ta' San Ġorġ, ir-Rabat, Għawdex.[52] Missieru, Ġulju Farrugia, bin Ġwanni u Grazzja, iżżewweġ lil Grazzja Farrugia, bint Salvu u Ġovanella, fl-20 ta' Novembru, 1605, fil-Knisja Matriċi ta' Għawdex.[53] Missieru, Ġwanni Farrugia, bin Leonardu, iżżewweġ lil Grazzja Carrassa, bint Franġisku, mill-Qrendi, fit-8 ta' Jannar, 1587, fil-Knisja Parrokkjali taż-Żurrieq.[54] Missieru, Leonardu Farrugia, bin Leonardu u Pawla, minn Ħal Kirkop, iżżewweġ lil Agata Mallia, bint Ġulju u Margerita, mill-Imqabba, t-28 ta' Lulju, 1566, fil-Knisja Parrokkjali ta' Bir Miftuħ.[55] B'hekk ngħidu li l-antenati tan-Nutar Farrugia kienu minn Ħal Kirkop.

Missier Marija Polidanu u n-nannu tan-Nutar Farrugia, Antonju, bin Vinċenz u Imperja Camilleri, iżżewweġ lil Imperja Farrugia, bint Duminku u Agata, fl-14 ta' Awwissu, 1672, fil-Knisja Parrokkjali ta'Ħaż-Żebbuġ.[56] Missieru, Vinċenz Polidano, bin Wistin u Vennera, iżżewweġ lil Imperja Camilleri, bint Vinċenz u Katerina, fit-2 ta' Awwissu, 1635, fil-Knisja Parrokkjali taż-Żurrieq.[57]

Il-familja tiegħi tiġi min-nanniet tan-Nutar Ġwanni Battista Farrugia b'dawn il-modi:




Jerome Vella > Horatio Vella-Vivienne Caruana (Imdina) > Paolino Caruana-Mary Consiglio (Bon Konsill, Żejtun) > Karlu Caruana-Verġinja Tabone (Żejtun) > Antonju Tabone-Pawla Bonnici (Żejtun) > Kalċidon Bonnici-Annunzjata Pisani (Tarxien) > Lazzru Bonnici-Lorenza Calleja (Żejtun) > Ġużeppi Bonnici-Grazzja Abela (Żejtun) > Ġwanni Bonnici-Anna Falzon (Tarxien) > Mikiel Falzon-Marija Farrugia (Tarxien) > Ferdinandu Farrugia-Duminka Vella (Tarxien) > Ġwanni Battista Farrugia-Grazzja Gatt (Għaxaq) > **Marju Farrugia-Kjara Cordina** (San Ġorġ, Rabat, Għawdex); u

Jerome Vella > Horatio Vella-Vivienne Caruana (Imdina) > Paolino Caruana-Mary Consiglio (Bon Konsill, Żejtun) > Ġużeppi Consiglio-Verġinja Grasso (Tarxien) > Kostantinu Consiglio-Franġiska Darmanin (Senglea) > Karlu Darmanin-Annetta Ready (Għaxaq) > Ġużeppi Darmanin-Marija Cumbo (San Pawl, Valletta) > Mikiel Anġlu Cumbo-Beatriċe Caruana (Portu Salvu, Valletta) > Isidor *sive* Teodoru Cumbo-Roża Farrugia (San Pawl, Valletta) > Orazju Farrugia-Marija Tereża (San Pawl, Valletta) > Ġwanni Farrugia-Marija Callus (Senglea) > Antonju Farrugia-Marija armla Sagona (Senglea) > Ġulju *sive* Ġiljan Farrugia-Grazzja Farrugia (Matriċi, Rabat, Għawdex) < **Marju Farrugia-Kjara Cordina** (San Ġorġ, Rabat, Għawdex); u

Jerome Vella > Horatio Vella-Vivienne Caruana (Imdina) > Frank Vella-Tessie Bartolo (Sacro Cuor, Sliema) > Joseph Bartolo-Maria Attard (Sacro Cuor, Sliema) > Ruġġieru Bartolo-Marija

Anna Spiteri (Ħamrun) > Ġwanni Spiteri-Filomena Scerri (Imsida / Birkirkara) > Vinċenz Scerri-Marija Anna Attard (San Pawl, Valletta) > Ġwanni Marija Attard-Marija Buttigieg (Xewkija) > Ġużeppi Attard-Anna Vella (Xewkija) > Ġużeppi Vella-Roża Bonnici (Xewkija) > Ġwanni Duminku Vella-Anġelika Azzopardi (Xewkija) > Gabriel Vella-Anna Cachia (Xagħra / San Ġorġ, Rabat, Għawdex) > Ġakbu Cachia-Marija Gauci (San Ġorġ, Rabat, Għawdex) > Ġwanni Gauci-Franġiska Farrugia (San Ġorġ, Rabat, Għawdex) > Ġulju Farrugia-Grazzja Farrugia (Matriċi, Rabat, Għawdex) < **Marju Farrugia-Kjara Cordina** (San Ġorġ, Rabat, Għawdex); u

Jerome Vella > Horatio Vella-Vivienne Caruana (Imdina) > Frank Vella-Tessie Bartolo (Sacro Cuor, Sliema) > Joseph Bartolo-Maria Attard (Sacro Cuor, Sliema) > Ruġġieru Bartolo-Marija Anna Spiteri (Ħamrun) > Ġwanni Spiteri-Filomena Scerri (Imsida / Birkirkara) > Vinċenz Scerri-Marija Anna Attard (San Pawl, Valletta) > Ġwanni Marija Attard-Marija Buttigieg (Xewkija) > Ġużeppi Attard-Anna Vella (Xewkija) > Ġwanni Marija Attard-Tereża Farrugia (Xewkija) > Ġwanni Pietru Farrugia-Marija Debono (Xewkija) > Ġwanni Farrugia-Ġakobina (San Ġorġ, Rabat, Għawdex) > Ġwanni Marija Farrugia-Lawrea Bugeja (Matriċi, Rabat, Għawdex) > Ġulju Farrugia-Grazzja Farrugia (Matriċi, Rabat, Għawdex) < **Marju Farrugia-Kjara Cordina** (San Ġorġ, Rabat, Għawdex); u

Jerome Vella > Horatio Vella-Vivienne Caruana (Imdina) > Frank Vella-Tessie Bartolo (Sacro Cuor, Sliema) > Joseph Bartolo-Maria Attard (Sacro Cuor, Sliema) > Ruġġieru Bartolo-Marija Anna Spiteri (Ħamrun) > Vinċenz Bartolo-Marija Anna Scerri (Floriana) > Ġużeppi Bartolo-Marija Konċetta Bonnici (San Pawl, Valletta) > Ġużeppi Bonnici-Anġela Nezzo (Senglea) > Antonju Bonnici-Madalena Tabone (Żejtun) > Ġużeppi Tabone-Marija Attard (San Ġorġ, Rabat, Għawdex) > Marju Tabone-Anna Gauci (Matriċi, Rabat, Għawdex) > Natal Gauci-Speranza (Matriċi, Rabat, Għawdex) > Duminku Gauci-Kjara Mercieca (Matriċi, Rabat, Għawdex) > Ġwanni Gauci-Franġiska Farrugia (San Ġorġ, Rabat, Għawdex) > Ġulju Farrugia-Grazzja Farrugia (Matriċi, Rabat, Għawdex) < **Marju Farrugia-Kjara Cordina** (San Ġorġ, Rabat, Għawdex); u

Jerome Vella > Horatio Vella-Vivienne Caruana (Imdina) > Frank Vella-Tessie Bartolo (Sacro Cuor, Sliema) > Ġwanni Battista Vella-Marija Konċetta Attard (Żejtun) > Wiġi Attard-Eliżabetta Cachia (Għaxaq) > Ġwanni Cachia-Mikelina Vassallo (Għaxaq) > Mikiel Anġlu Cachia-Roża Gatt (Għaxaq) > Pietru Cachia-Gabriela Caruana (Siġġiewi) > Arkanġlu Caruana-Marija Wizzini (Floriana) > Ġwanni Caruana-Margerita Borg (Imqabba) > Lawrenz Borg-Anna Buttigieg (Imqabba) > Ġwanni Buttigieg-Marija Zammit (Imqabba) > Santoru Zammit-Mattja Farrugia (Imqabba) > Leonardu Farrugia-Iżabella Delia (Farruġ / Birmirtuħ) > Leonardu Farrugia-Agata Mallia (Imqabba / Birmiftuħ) < Ġwanni Farrugia-Grazzja Carrasso (Żurrieq) < Ġulju Farrugia-Grazzja Farrugia (Matriċi, Rabat, Għawdex) < **Marju Farrugia-Kjara Cordina** (San Ġorġ, Rabat, Għawdex); u

Jerome Vella > Horatio Vella-Vivienne Caruana (Imdina) > Frank Vella-Tessie Bartolo (Sacro Cuor, Sliema) > Ġwanni Battista Vella-Marija Konċetta Attard (Żejtun) > Ġużeppi Vella-Marija Spiteri (Żejtun) > Ġwanni Spiteri-Franġiska Azzopardi (Għaxaq) > Ġwanni Marija Azzopardi-Marija Spagnol (Għaxaq) > Franġisku Azzopardi-Marija Pulis (Għaxaq) > Ġwanni Marija Azzopardi-Antonja Caruana (Għaxaq) > Ġwanni Duminku Azzopardi-Duminka Farrugia (Għaxaq) > Vinċenz Farrugia-Grazzja Grixti (Gudja) > Lazzru Farrugia-Imperja Cachia (Żurrieq) > Leonardu Farrugia-Agata Mallia (Imqabba / Birmiftuħ) < Ġwanni Farrugia-Grazzja Carrasso

(Żurrieq) < Ġulju Farrugia-Grazzja Farrugia (Matriċi, Rabat, Għawdex) < **Marju Farrugia-Kjara Cordina** (San Ġorġ, Rabat, Għawdex); u

Jerome Vella > Horatio Vella-Vivienne Caruana (Imdina) > Paolino Caruana-Mary Consiglio (Bon Konsill, Żejtun) > Ġużeppi Consiglio-Verġinja Grasso (Tarxien) > Emanuel Grasso-Lorenza Pace (Cospicua) > Feliċ Pace-Marija Chetcuti (Cospicua) > Franġisku Chetcuti-Anġela Muscat (Gudja) > Stiefnu Muscat-Marija Galea (Gudja) > Ġwanni Marija Muscat-Anna Pace (Siġġiewi) > Franġisku Pace-Roża Saliba (Siġġiewi) > Indrì Saliba-Anna Cutajar (Siġġiewi) > Bartilmew Saliba-Roża Zammit (Imqabba) > Vinċenz Zammit-Anġelika Caruana ( Siġġiewi) > Santoru Zammit-Mattja Farrugia (Imqabba) > Leonardu Farrugia-Iżabella Delia (Farruġ / Birmiftuħ) > Leonardu Farrugia-Agata Mallia (Imqabba / Birmiftuħ) < Ġwanni Farrugia-Grazzja Carrasso (Żurrieq) < Ġulju Farrugia-Grazzja Farrugia (Matriċi, Rabat, Għawdex) < **Marju Farrugia-Kjara Cordina** (San Ġorġ, Rabat, Għawdex).

**Konklużjoni**

F'dan l-artiklu tajna tagħrif fuq il-kwadru tal-Assunta li hemm fil-Knisja tal-Lunzjata ġewwa Ħal Kirkop, imħallas mid-Dottor Dun Nikola Mangion, u fuq il-festa li kienet issir lill-Assunta mħallsa mill-familja Mangion u l-eredi tagħha. Fost il-persunaġġi li niltaqgħu magħhom f'dan il-legat piju, insibu lil tliet Nutara, Gauci, Attard u Farrugia, kif ukoll qassis ieħor, Dun Ġużepp Testaferrata li b'xi mod kellu x'jaqsam mal-familja Mangion jew billi kien jiġi minnha, jew għaliex xtara jew ħa b'ċens l-art imsemmija f'dan id-dokument bil-piż marbut magħha li jagħmel l-istess festa.

**Referenzi**

1 Studju fuq dan il-kwadru, irrestawrat mill-Kappillan il-Kan. Dun Karm Camilleri, kien sar minn Kenneth Cassar f'H.C.R. Vella ed. (2008), 288-290, u 314.

2 Fuq dan ara l-artiklu tas-sena l-oħra, H.C.R. Vella (2017), 109-137, fejn jiena ttrattajt kemm il-Knisja ta' Assunta "Ta' Pinu" u kemm dik li ta' Santa Anastasja, it-tnejn li huma fi Triq San Leonardu. Meta dawn ġew ipprofonati, l-inkwadri tagħhom inġiebu fil-Knisja Parrokkjali, sakemm intilfu darba għal dejjem.

3 H.C.R. Vella (2010), 99.

4 Ġ.P.F. Agius de Soldanis (1760), 1.101.

5 H.C.R. Vella (2010), 154.

6 P. Dusina (1575), ff.105v.-106, f'G. Aquilina u S. Fiorini (edi) (2001), 135.

7 P. Dusina (1575), ff.109v.-110, f'G. Aquilina u S. Fiorini (edi) (2001), 139.

8 H.C.R. Vella (2020), A6224 (numru temporanju).

9 H.C.R. Vella (2010), 31.

10 H.C.R. Vella (2010), 31.

11 A.P.V., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*

12 H.C.R. Vella (2010), 31.

13 H.C.R. Vella (2010), 31.

14 A.P.V., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*

15 H.C.R. Vella (2010), 31.

16 H.C.R. Vella (2010), 31.

17 A.K.Għ., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*

18 A.P.V., *Liber defunctorum, sub diebus mortium.*

19 Dan l-istudju ġenealoġiku u l-oħrajn li jidhru f'dan l-artiklu huma riċerka tal-awtur.

20 A.P.B., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii: magnificus.*

21 A.P.B., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*

22 Ħajr lil Paul Catania tal-informazzjoni.

23 A.P.L., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.* Ġovanella mietet fis-27 ta' Awwissu, 1618. Duminku reġa' żżewweġ lil Duminka, u kellhom lil Dun Matteolu Mangion (ħajr lis-Sur Paul Catania tal-informazzjoni).

[24] A.P.N., *Liber defunctorum, sub die mortis: sepultus est juxta chorum in sepultura filii* (ħajr lis-Sur Paul Catania).
[25] A.P.N., *Liber defunctorum, sub die mortis*: ħajr lil Paul Catania.
[26] H.C.R. Vella (2020), A5926 (numru temporanju)
[27] P. Catania (1999), 26.
[28] Traduzzjoni tal-awtur.
[29] V. Borg (2015), 452-453.
[30] Fuq dawn l-armi, ara Ch. A. Gauci (1996).
[31] V. Borg (2015), 452-453. Skont V. Borg, Dun Nikola miet f'Diċembru, skont P. Catania (1999), li jikkwota r-reġistru tal-parroċċa, huwa miet f'Novembru. Iktar fuq Dun Nikola, ara l-istess P. Catania (1999), 23-29.
[32] A.P.A., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
[33] A.P.N., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
[34] H.C.R. Vella (2006), 303.
[35] A.P.Ż., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
[36] A.P.Ż., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
[37] A.P.Ż., *Liber baptizzatorum, sub diebus baptismorum.*
[38] A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub diebus mortium.*
[39] A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub diebus mortium.*
[40] A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
[41] A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub diebus mortium.*
[42] A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
[43] A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub diebus mortium.*
[44] H.C.R. Vella (2006), 308.
[45] A.P.Ż., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
[46] A.P.Ż., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
[47] A.P.Ż., *Liber baptizzatorum, sub diebus baptismorum.*
[48] A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub diebus mortium.*
[49] A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
[50] A.P.Ż., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
[51] A.P.Ż., *Liber baptizzatorum, sub diebus baptismorum.*
[52] A.P.S.Ġ., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
[53] A.K.Għ., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
[54] A.P.Ż., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
[55] A.P.G., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
[56] A.P.Ż.M., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
[57] A.P.Ż., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*

## Bibljografija

A.K.Għ: Arkivju tal-Katidral ta' Għawdex
A.P.A.: Arkivju Parrokkjali ta' Ħ'Attard
A.P.B.: Arkivju Parrokkjali ta' Birkirkara
A.P.G.: Arkivju Parrokkjali tal-Gudja
A.P.K.: Arkivju Parrokkjali ta' Ħal Kirkop
A.P.L.: Arkivju Parrokkjali ta' Ħal Lija
A.P.N.: Arkivju Parrokkjali tan-Naxxar
A.P.S.Ġ.: Arkivju Parrokkjali ta' San Ġorġ, Victoria, Għawdex
A.P.V.: Arkivju Parrokkjali ta' Vittoriosa
A.P.Ż.: Arkivju Parrokkjali taż-Żurrieq
A.P.Ż.M.: Arkivju Parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ

Agius de Soldanis, Ġ.P.F. (1970). *Il Gozo antico e moderno sacro e profano*. Maqlub għall-Malti minn Ġ. Farrugia Gioioso, *Għawdex bil-ġrajja tiegħu* f'żewġ volumi f'Malta, 1936/1953, b'edizzjoni ġdida mill-Fondazzjoni Belt Vittorja fl-1999.

Aquilina, G. u S. Fiorini edi (2001). *Mgr Petrus Dusina, 1575: Malta: Visita Apostolica no. 51*. F'*Documentary sources of Maltese history. Part IV. Documents at the Vatican. No. 1: Archivio Segreto Vaticano. Congregazione Vescovi e Regolari*. L-Imsida, Malta, Malta University Press.

Borg, V. *The Maltese Diocese during the seventeenth century. Melita sacra III*. Malta, Gutenberg Press Limited.

Cassar, K. (2008). *Il-pittura f'Ħal Kirkop*. F'H.C.R. Vella ed. (2008), 286-320.

Catania, P. (1999). *In-Naxxar. Titwiliet fl-istorja*. Malta, Paul Catania u Joe Zammit Ciantar.

Dusina, P. (1575). Ara G. Aquilina u S. Fiorini edi (2001).

Gauci, Ch.A. (1996). *An illustrated collection of the coats of arms of Maltese families*. San Ġwann, Malta, P.E.G. Ltd.

Vella, H.C.R. (2006). *Indiċi ta' ismijiet ta' nies minn Ħal Kirkop li jinsabu mniżżla fir-reġistri taż-żwiġijiet, magħmudijiet u mwiet f'Birmiftuħ u f'Ħal Kirkop mill-1550 sal-1840*. Birkirkara, Malta, Concept Communications Limited.

Vella ed., H.C.R. (2008). *Ħal Kirkop u l-inħawi ta' madwaru*. Vol. II. Kunsill Lokali Kirkop, Malta.

Vella, H.C.R. (2010). *The earliest Church register in Gozo. 1554-1628*. Qormi, Malta, Print Right Limited.

Vella, H.C.R. (2017). "Legati Piji f'Ħal Kirkop", *Festa San Leonardu 2017*. Għaqda Mużikali San Leonardu A.D. 1858, Kirkop, Malta, 109-137.

Vella, H.C.R. (2020). *A catalogue of articles and books found at the Archives of the Province of the Franciscans Minor in Valletta* (għadu fil-proċess li jsir).